DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/221

tat-12 ta' Frar 2016

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1937 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti ([1]). Dik id-Deċiżjoni fiha għadd ta' dispożizzjonijiet dwar il-missjoni u l-kompitu, il-kompożizzjoni, l-indipendenza u l-funzjonament tal-Bord u s-segretarjat tiegħu, u tiċċara li dan tal-aħħar għandu jkun marbut amministrattivament mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni. Skont din id-Deċiżjoni, l-Analist Prinċipali tal-Ekonomija stabbilit bid-Deċiżjoni C(2015) 2665 tas-17 ta' April 2015 jeżerċita l-funzjoni ta' Kap tas-Segretarjat.

(2) Id-Deċiżjoni dwar l-Analist Prinċipali tal-Ekonomija tal-Kummissjoni tas-17 ta' April 2015 tipprovdi li l-Analist Prinċipali tal-Ekonomija jivverifika, fil-qasam tal-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u baġitarji tal-Istati Membri, deċiżjonijiet futuri tal-Kummissjoni. Skont din id-Deċiżjoni, l-Analist Prinċipali tal-Ekonomija jaħdem flimkien mal-Viċi President responsabbli għall-Euro u d-Djalogu Soċjali, li jista' wkoll jitlob opinjonijiet mingħand l-Analist Prinċipali tal-Ekonomija ([2]).

(3) Għal raġunijiet ta' koerenza u ta' effikaċja, huwa xieraq li l-kompiti tal-Analist Prinċipali tal-Ekonomija u tal-Kap tas-Segretarjat tal-Bord Fiskali Ewropew jiġu separati.

(4) Id-Deċiżjoni li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti għandha tiġi emendata skont dan,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-Artikolu 3, paragrafu 8, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 ([3]) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Kummissjoni taħtar Kap tas-Segretarjat, wara li tkun ikkonsultat mal-President tal-Bord Fiskali Ewropew. Il-Kap tas-Segretarjat jinħatar għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba. Il-kompiti tiegħu/tagħha jinkludu t-tħejjija tat-twaqqif tal-Bord. Il-membri l-oħra tas-segretarjat ikunu uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali, u esperti nazzjonali ssekondati, magħżula mill-Kap tas-Segretarjat bi ftehim mal-President tal-Bord. Il-membri kollha tas-Segretarjat ikunu magħżula fuq il-bażi ta' livelli għoljin ta' kwalifiki u esperjenza f'oqsma rilevanti għall-attività tal-Bord u jiġu assenjati jew marbuta (mis à disposition).

9. B'deroga mill-paragrafu 8, jekk il-President tal-Bord Fiskali Ewropew ikun għadu ma nħatarx, il-Kummissjoni taħtar il-Kap tas-Segretarjat direttament."

Magħmula fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) C(2015)8000

([2]) C(2015)2665

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 tal-21 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti (ĠU L 282, 28.10.2015, p. 37).